

Skeda informattiva tas-CETA 1 minn 7

Harsa ġenerali lejn is-CETA

Is-seba' partijiet ewlenin tal-ftehim

Is-CETA huwa ftehim kummerċjali bejn l-UE u l-Kanada. Fil-21 ta' Settembru 2017, daħal fis-seħħ b'mod proviżorju, b'hekk attwalment il-parti l-kbira tal-ftehim tapplika.




Is-CETA jiftaħ is-swieq tal-oġġetti, tas-servizzi u tal-akkwist pubbliku tal-Kanada, jgħin biex jiproteġi d-drittijiet tax-xogħol u tal-ambjent, u

jippermetti li d-ditti iżgħar tal-UE b'mod partikulari jespportaw aktar lejn il-Kanada.


Issa jeħtieġ li l-parlamenti nazzjonali tal-pajjiżi, u f'xi każijiet dawk reġjonali wkoll, jirratifikaw il-ftehim. B'hekk ikun jista' jidħol fis-seħħ bis-sħiħ u b'mod definittiv.

1. Kummerċ ta' oġġetti

L-UE diġà hija esportatur ewleni lejn il-Kanada. Pereżempju:

Industrija	Esportazzjonijiet tal-UE lejn il-Kanada kull sena ¹
 Makkinarju	€8.3 bn
 Sustanzi kimiċi	€5.9 bn
 Ikel u xorb	€3.4 bn


¹ Sors: l-Eurostat, 2016 L-ikel u x-xorb abbażi ta' esportazzjonijiet ta' prodotti minn diversi taqsimiet tas-Sistema Armonizzata (SA).



Duties

Is-CETA se jgħin lil esportaturi ġodda u eżistenti tal-UE għaliex:

- jabolixxi aktar minn **98%** tad-dazji doganali Kanadiżi mill-ewwel jum ta' dħul fis-seħħ.
- jiffranka lin-negożji tal-UE **€590 m** kull sena f'dazji doganali Kanadiżi.
- jgħin jagħmel l-esportaturi tal-UE aktar kompetittivi.





EU-CANADA

COMPREHENSIVE ECONOMIC AND TRADE AGREEMENT (CETA)

1.1. Prodotti tal-ikel u x-xorb

1.1.1. Ftuħ tas-suq Kanadiż


Ineħħi tariffi fuq esportazzjonijiet tal-ikel tal-UE mill-ewwel jum

 Ċikkulata, ħelu	Tariffa qabel Sa 10%	Tariffa issa 0%
 Ħobż, pasti, biskuttini	Tariffa qabel Sa 15 %	Tariffa issa 0%

Ineħħi jew jiġġestixxi l-ostakli għall-esportazzjoni ta' xorb mill-ewwel jum

 Nbid	Qabel Ostakli għall-esportazzjoni ta' prodotti tal-UE lejn il-Kanada	Issa Xi ostakli ewlenin tneħħew u qafas ċar biex jiġu llaxkati oħrajn
 Spirti		

Maż-żmien aktar milli tirdoppja l-kwota Kanadiża għal esportazzjonijiet tal-ġobon tal-UE

 Ġobon	Kwota qabel 13,500 tunnellata	Kwota issa 32,000 tunnellata
--	--	---

1.1.2 Protezzjoni għall-prodotti tal-UE

Prodotti sensitivi tal-UE

Is-CETA jipprotegi prodotti bħal:

- ċanga, majjal, qamħirrun ħelu - bi kwoti limitati u mingħajr tariffi
- laħam tat-tjur u bajd – billi ma jiftaħx is-suq tiegħu.

Indikazzjonijiet Ġeografiċi (IG)

Il-promozzjoni u l-protezzjoni ta' prodotti ta' ikel u xorb ewlenin f'pajjiżi barra mill-UE hija prijorità ewlenija għas-CETA, bħal għal kull ftehim kummerċjali tal-UE.



Is-CETA jippermetti li **143** prodott Ewropew bl-istatus ta' Indikazzjonijiet ġeografiċi jinbiegħu fil-Kanada. Dan itihom livell ta' protezzjoni mill-imitazzjonijiet simili għad-dritt tal-UE. L-IG protetti jinkludu:






 L-Ungerija	Szegedi szalámi	Laħam ipproċessat
 Il-Greċja	Elia kalamatas	Żebbuġ
 Ir-Repubblika Ċeka	České pivo	Birra
 L-Italja	Chianti	Nbid
 Il-Portugall	Queijo S. Jorge	Ġobon

EU-CANADA

COMPREHENSIVE ECONOMIC AND TRADE AGREEMENT (CETA)


1.2. Manifattura

Ineħħi d-dazji doganali Kanadiżi fuq esportazzjonijiet tal-manifattura ewlenin tal-UE mill-ewwel jum.

 Ilbies, tessuti	Qabel sa 16%	Issa 0%
 Vetturi, partijiet	Qabel sa 9.5%	Issa 0%
 Makkinarju, tagħmir elettriku	Qabel sa 9.5%	Issa 0%
 Apparat mediku, strumenti ottiċi	Qabel sa 8%	Issa 0%
 Sustanzi kimiċi	Qabel sa 6.5%	Issa 0%

2. Kummerċ fis-servizzi

Jiftaħ is-suq Kanadiż f'dawn l-industriji li ġejjin:



Servizzi professjonali

Jipprovdi qafas biex l-UE u l-Kanada jirrikonoxxu l-kwalifiki ta' xulxin f'ċerti professjonijiet regolati:



EU-CANADA

COMPREHENSIVE ECONOMIC AND TRADE AGREEMENT (CETA)



3. Akkwist pubbliku

- Jiggarantixxi aċċess għas-suq kbir tal-akkwist pubbliku tal-Kanada
- Joħloq opportunitajiet ġodda biex il-fornituri tal-UE jitfgħu l-offerta tagħhom għal kuntratti provinċjali u municiċjali.



4. Investiment

Iħeġġeġ aktar investiment bejn l-UE u l-Kanada, fiż-żewġ direzzjonijiet.



5. Proprjetà intellettuali

Itejjeb il-protezzjoni tal-proprjetà intellettuali li tkun sjeda ta' individwi jew kumpaniji tal-UE fil-Kanada.



6. Żvilupp sostenibbli

Jistabbilixxi impenji b'saħħithom u ġuridikament vinkolanti dwar:



- ħarsien ambjentali
- rispett għad-drittijiet tax-xogħol.

7. Kumpaniji iżgħar

Jgħin lid-ditti iżgħar tal-UE jesportaw aktar permezz ta':

- tnaqqis fl-ostakli kummerċjali
- tneħħija tat-tariffi
- simplifikazzjoni tal-proċeduri doganali
- aktar rekwiżiti tekniċi kompatibbli



Ftehimiet kummerċjali tal-UE ħidma fil-prattika



Fl-2011, l-UE u l-Korea t'Isfel bdew jimplementaw ftehim kummerċjali.

Minn dak iż-żmien 'l hawn:

- l-oġġetti tal-UE esportati lejn il-Korea t'Isfel żdiedu b'55% u s-servizzi b'40%
- Id-ditti Ewropej iffrankaw kważi €3 bn f'dazji doganali mneħħija jew aktar baxxi.